# 1

# Bnadar Mezzasta

Il-bnadar ftiehmu mar-riħ.

Qalulu: "Illum ħallina bi kwietna. Mur onfoħ band'oħra."

Ir-riħ għall-ewwel ma setax jifhem. "Dan x'kien?!" qalilhom b'nefħa ħafifa. "Is-soltu tokorbuli biex niġi nilgħab magħkom, niftaħkom beraħ u nperreċ ilwienkom ġo sema blu."

"Iva … imma llum m'għandniex moħħok," weġbuh mill-ġdid il-bnadar ilkoll f'daqqa. "Dal-lejl miet Toni!"

Ir-riħ żamm in-nifs, baxxa rasu u telaq kutu kutu lejn il-Lvant. Ħalla lill-bnadar kollha b'rashom mgħaddsa. U hekk baqgħu l-jum kollu. Lanqas kellhom ħeġġa jitilgħu l-arblu kollu sal-galletta. Baqgħu weqfin nofs triq bl-ilwien tagħhom miġburin fi pjiegi bla ħajja donnhom qed jistħu juruhom.

Għax dal-lejl miet Toni!

Qaluli li kellu tlieta u sebgħin sena. Kien għadu Alla jbierku. Mhux żgur jumejn ilu ltqajt miegħu wara l-knisja, għaddej bil-pass qabbieżi tiegħu, iferfer bil-goff idu l-leminija donnu qed inixxifha mill-qtar tal-ilma. Baqa' l-istess kif kien fi tfuliti bħallikieku s-snin ma kellhomx qalb imissuh. Twil u niexef daqs arblu u sajf u xitwa dejjem bil-qmis maħruġa minn ħżiemu, tperper warajh. Għajnejh dejjem jitbissmu … anki waqt okkażjonijiet l-aktar serji u solenni.

Miet ħabta u sabta mal-lejl. Miet waħdu kif dejjem għex … ġo dak id-daqsxejn ta' mezzanin fl-isqaq ta' wara l-knisja fejn kienu trabbew missieru u nannuh u min jaf kemm-il ġenerazzjoni qablu. Meta t-tebut ħareġ mill-knisja, il-pjazza kienet maħnuqa bin-nies. Lanqas meta miet Dun Franġisk ma kien hemm folol daqs dawk. Toni kien maħbub.

U dak il-waqt sewwa, ir-riħ iddeċieda li jikser kelmtu. Ġie jiġri mil-Lvant b'kemm saħħa kellu, fetaħ il-bagalja u niżel bil-qawwa tiegħu kollha fuq irjus il-folla, fuq ir-reffiegħa tat-tebut, fuq l-abbatini bix-xemgħa f'idejhom, fuq l-arċipriet u l-viċi. Il-bnadar ħadu l-ħajja. L-ikħal tas-sema mtela bi rqajja', bojod u ħomor, sofor u bojod, slaleb kbar ħodor ġo kaxex ta' bjuda u rdieden maqsumin min-nofs bil-palma fuq kull naħa. Għall-ewwel il-bnadar indiehxu u ħabtu jitlewmu mar-riħ, imma f'daqqa waħda ntebħu li r-riħ kellu raġun. Ma setgħux iħallu lil Toni jinżel taħt il-kaptelli bla ma jagħtuh l-aħħar tislima; qabel ma jiftħulu qalbhom beraħ u jħalluh jitpaxxa bihom bħal dari. Ħadd



*Ma setgħux iħallu lil Toni jinżel taħt il-kaptelli bla ma jagħtuh l-aħħar tislima …*

qatt ma ħabbhom daqsu. Ħadd qatt ma tkellem magħhom bl-istess ħlewwa u intimità kif kien jagħmel Toni. U min-nofs l-arblu, il-bnadar kollha tar-raħal infetħu ċatti u llamtati mat-tifqigħ tar-riħ u nfexxew jgħajtu: "Saħħa Ton. Addijo Ton … addijo!" It-tfajjel tal-kampnar ra kollox u bla ma jaf l-għala ġibed il-ħabel tal-qanpiena l-kbira bil-goff … u ġibdu u reġa' ġibdu … sa ma t-tokki kiebja nbidlu f'mota. Il-folla skjerata mal-ġnieb tat-tebut … ħasset in-nefħa tar-riħ, rat il-ħeġġa tal-bnadar u semgħet il-mota mqanqla mill-kampnar. U f'salt wieħed infexxet iċċapċap. Ġod-dalma tat-tebut, l-għajnejn magħluqin ta' Toni ferħu b'dik l-okkażjoni serja u solenni … u qagħdu jitbissmu.

Il-purċissjoni u l-folla mxiet lejn iċ-ċimiterju. Imma jien ma ridtx immur għad-difna. Bqajt waħdi fuq iz-zuntier battal inħares lejn il-bnadar mitlufa f'ferneżija ta' tperpir. Bqajt nisma' l-mota mill-kampnar. Ma ridtx nara l-qabar miftuħ u nisma' l-folla tgedwed flimkien il-Missierna. Il-ħoss tal-kazzola ma nifilħux. Ridt nibqa' nara lil Toni jixxala mat-tperpir tal-bnadar. Imma wara ftit tal-ħin, ir-riħ intebaħ li z-zuntier kien tbattal. Għalaq il-bagalja u telaq mill-ġdid lejn il-Lvant. Il-bnadar reġgħu ddendlu 'l isfel bla ħeġġa u t-tifel tal-kampnar rabat il-ħabel mal-granpun u niżel il-garigor. Fiċ-ċimiterju l-qabar ingħalaq.

Inżilt it-tarġiet taz-zuntier u riġlejja ħaduni waħidhom lejn il-maħżen tal-knisja. Sibt il-bieb imbexxaq u malli ttawwalt 'il ġewwa lmaħt lil Salvinu ta' Gajdora.

"Hawn …" qalli, "mid-dehra inti wkoll ma kellekx qalb twasslu saċ-ċimiterju!"